MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Numru 20/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jose Julio Buis**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Jose Julio Buis li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl bejn il- wieħed u tletin (31) ta' Ottubru u l-ewwel (1) ta' Novembru tas sena elfejn u tmienja (2008), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga waqt li kienu qed jagħmlu r-ronda tagħhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta innutaw persuna maskili qua l-akkużat, li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira minn Amsterdam bin-numru KM395 u li setgħa kien qed iġorr sustanża illegali. Dan is-suspett ġie ikkonfermat mill-akkużat stess li filfatt ammetta magħhom li dan kien minnu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Jose Julio Buis, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jġorr fil- persuna tiegħu u jittraffika d-droga kokajina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat xjentement u kunsenswalment ingħata u eżegwixxa struzzjonijiet mogħtija lilu minn persuna oħra sabiex jibla sebgħin kapsula li kienu jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal- kokajina fl-ammont ta' madwar għaxar (10) grammi f'kull kapsula u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jdaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna u jgħaddi l-istess lil terza persuna oħra ai fini ta' traffikar, mingħajr ma jiġi interċettat mill-pulizija u/jew l-uffiċjali responsabbli. Hu kien anki ingħata struzzjonijiet sabiex jalloġja ġewwa lukanda ġewwa San Ġiljan u jistenna struzzjonijiet addizzjonali bl-iskop li jittraffika din is-sustanza lil ħaddieħor wara li jkun għaddihom mis-sistema tiegħu.

Illi sussegwentement fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-akkużat qabad ajruplan għal Malta mill-Olanda sabiex jesegwixxi dan il-pjan maħsub iżda fortunatament l-akkużat u d-droga ġiet interċetata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-kapsuli importati mill-akkużat, kienet effettivament tikkonsisti mid-droga imsemmija fl- ammont globali ta' sitt mija ħamsa u sebgħin punt erba' gramma (675.04 grammi) kokajina u li kellha l-purita` ta' ċirka ħamsa u erbgħin fil-mija (45%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u din is-sustanza għandha l-valur kumplessiv ta' bejn ħamsa u erbgħin elf mitejn u sebgħa u għoxrin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu u sebgħin elf seba' mija u erbgħa u

erbgħin Euro u dsatax il-ċenteżmu (€45,227.68 - €70,744.19).

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Julio Buis sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Julio Buis ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l- 1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru u l- ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l- Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda

għal Malta fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li kien belgħa sebgħin kapsula kontenenti din is-sustanza qabel ma’ telaq mill-Olanda. Dawn il-kapsuli kienu jikkontjenu l-ammont globali ta’ sitt mija ħamsa u sebgħin punt erba’ gramma (675.04 grammi) kokajina bil-purita ta’ madwar ħamsa u erbgħin fil-mija (45%). Dawn il-fatti ġew kkonfermati mill-akkużat stess li ammetta dan kollu fil-kors tal-proċeduri kontriħ u li għamel dan kollu sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma’ jiġi interċettat u sabiex ikun f’posizzjoni jittraffika din id- droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal- pulizija involuti fl-investigazzjoni ma’ indunawx u ma interċettawx lill- akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f’idejn terzi persuni f’pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta’ lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l- importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b’għemilu l-imsemmi Jose Julio Buis sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe’ meta’ ma kellhux liċenżja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Julio Buis, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f’ Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni

maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi Finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl- ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru u l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l- akkużat ex admissis, xjentement kien belgħa sebgħin kapsula kontenenti id-droga illegali kokajina u xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L- akkużat m'għandux problema ta' abbuż tad-droga kokajina kif stqarr hu stess u kwindi din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont kumplessiv tad-droga li instabet fil-kapsuli kienet waħda konsiderevoli u ċioe' sitt mija ħamsa u sebgħin punt erba' grammi (675.04 grammi) bil-purita ta' madwar ħamsa u erbgħin fil-mija

(45%) li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Julio Buis sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Julio Buis ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-

Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il- liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Jose Julio Buis, tat-2 ta' Frar, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal periodu ta' tmien snin flimkien ma multa ta' tmintax il-elf Ewro (€18,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli tal-istess akkuzat; talbu li tigi erogata din il-piena.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Jose Julio Buis hati talli
1. fil-lejl bejn il-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru, 2008, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. bejn il-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2008 importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
3. bejn il-31 ta' Ottubru, u l-1 ta' Novembru, 2008 kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Jose Julio Buis** ghall-piena komplessiva ta' tmien **(8) snin prigunerija** w ghall-**multa ta' tmintax (18) il-elf Ewro (€ 18,000),** li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti

fi **tnax (12) il-xahar prigunerija ohra** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, tmien mija w tmienja w sittin Ewros u wiehed u tletin centezmi **(€1868.31),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------